



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2014/2247(INI)

15.7.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-politika ta' koeżjoni u l-komunitajiet emarġinati
(2014/2247(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ernest Urtasun

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-emarġinazzjoni hija fenomenu soċjali li fih individwi jew komunitajiet jiġu soċjalment esklużi u sistematikament imblukkati milli jipparteċipaw, jew jiġu mċaħħda l-aċċess għall-parteeipazzjoni, fil-proċessi soċjali u politiċi li huma essenzjali għall-integrazzjoni soċjali tagħhom; billi "komunitajiet emarġinati" tirreferi għal diversi gruppi u individwi, bħalma huma l-minoranzi, ir-Rom, il-persuni b'diżabilità, il-persuni li jgħixu taħt is-soll tal-faqar jew li jinsabu fir-riskju tal-faqar, il-migranti, ir-rifuġjati u l-gruppi soċjalment esklużi fis-soċjetà; billi r-razziżmu, il-patrijarkija, l-omofobija, l-iżvantaġġi ekonomiċi u fatturi diskriminatorji oħra jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' saffi ta' inugwaljanza u dinamika fejn titnaqqas is-setgħa għan-nisa fi ħdan il-komunitajiet emarġinati;
- B. billi l-faqar li jaffettwa lill-komunitajiet emarġinati jaffettwa lin-nisa, lit-tfal u lill-irġiel b'mod differenti, għall-fatt li n-nisa u t-tfal għandhom it-tendenza li jsibuha aktar diffiċli biex ikollhom aċċess għas-servizzi soċjali u biex jirċievu dħul diċenti;
- C. billi l-emarġinazzjoni u d-diskriminazzjoni doppja li jaffettwaw lin-nisa f'dawk il-gruppi jimpedixxu l-aċċess tan-nisa għas-servizzi, l-informazzjoni u għall-organizzazzjonijiet pubbliċi u dawn mhux governattivi li jaħdmu fil-qasam tal-ugwaljanza;
- D. billi n-nisa jaqdu rwol kruċjali fil-komunitajiet emarġinati kemm mil-lat ekonomiku kif ukoll fir-rigward tal-edukazzjoni u l-kura tal-oħrajn; billi r-rwol kruċjali tan-nisa jeħtieġ li jiġi indirizzat permezz ta' azzjonijiet speċifiċi bil-għan li jingħelbu l-barrieri li hemm għall-inklużjoni u l-parteeipazzjoni indaqs tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet, jittejbu l-kondizzjoni tal-għajxien tan-nisa u jingħatalhom it-taħriġ li jeħtieġu biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja soċjali u ekonomika tal-pajjiż;
- E. billi l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi komplew jgħarrqu s-sitwazzjoni tan-nisa fi ħdan il-komunitajiet emarġinati;
- F. billi n-nisa fil-komunitajiet emarġinati jsofru diskriminazzjoni multipla aktar intensa u għandhom rata ta' okkupazzjoni aktar baxxa mill-irġiel f'dawk il-komunitajiet u minn nisa oħra;
- G. billi l-għalbien tal-emarġinazzjoni u d-diskriminazzjoni multipla jeħtieġ l-involviment tal-livell lokali dirett mal-komunitajiet in kwistjoni, soċjalment, politikament u ekonomikament, inkluż l-involviment tal-partijiet interessati, tas-soċjetà ċivili u taċ-ċittadini fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet; billi f'dawn il-proċessi għandha dejjem tiġi inkluża l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, bil-ħsieb li n-nisa li qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla jingħataw is-setgħa jipparteċipaw fihom u jkun u jistgħu jsemmgħu lehinom fl-isfera pubblika;
- H. billi l-edukazzjoni, kemm dik formali u kemm dik informali, hija instrumentali fil-

għalbien tal-emarġinazzjoni u d-diskriminazzjoni multipla, f'dawk li huma l-ħolqien ta' djalogu, il-ftuħ u l-ftehim bejn il-komunitajiet, u f'dak li hu l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet emarġinati; billi perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni, u r-rwol tagħha fil-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet fil-komunitajiet emarġinati, mgħandhiex tintesa;

- I. billi r-rappreżentanza tan-nisa fil-komunitajiet emarġinati fl-arti u l-kultura u fil-midja hija importanti biex jingħelbu l-emarġinazzjoni, l-isterjotipar u d-diskriminazzjoni multipla;
 - J. billi l-istrateġiji tal-politika ta' koeżjoni Ewropea għall-għoti tas-setgħa lin-nisa fil-komunitajiet emarġinati għandhom iqisu s-sitwazzjoni tan-nisa li jkunu qed jixjieħu, in-nisa b'diżabilità, in-nisa li jieħdu ta' oħrajn u n-nisa bi problemi tas-saħħa mentali;
 - K. billi l-Istati Membri jaqdu rwol deċiżiv fil-ħolqien ta' ambjent li jiddefinixxi u jsawwar l-emarġinazzjoni, u billi huma għandhom iqisu l-ħtiġijiet tal-komunitajiet emarġinati u jinkludu l-interessi tagħhom fl-abbozzar u l-argumentazzjoni tal-programmi operazzjonali mressqa lill-Kummissjoni;
1. Jirrimarka li n-nisa fi ħdan il-komunitajiet emarġinati jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla, sitwazzjoni li tpoġġihom f'riskju jerġa' akbar tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, speċjalment fl-aċċess għax-xogħol, l-edukazzjoni, is-saħħa u s-servizzi soċjali;
 2. Jitlob li perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u analiżi intersezzjonali jiġu inkorporati fl-inizjattivi, il-programmi, l-azzjonijiet u l-arranġamenti ta' finanzjament ta' integrazzjoni u inklużjoni soċjali ifffinanzjati mill-UE bil-għan li l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa fil-komunitajiet emarġinati jkunu jistgħu jiġu indirizzati aħjar u l-varjetà ta' vuċijiet u perspettivi ta' nisa f'pożizzjonijiet strutturali u rwoli differenti jkunu jistgħu jinqabdu aħjar; jemmen li valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sessi u bbaġittjar skont is-sessi huma utli fil-valutazzjoni ta' x'impatt ikollhom fuq in-nisa l-prijoritajiet ta' finanzjament, l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u l-ispeċifikazzjonijiet għall-programmi ta' finanzjament; jenfasizza l-ħtieġa ta' data diżaggregata skont is-sessi li għandha tiġi miġbura sistematikament u analizzata regolament;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra azzjoni affermattiva hi u tabbozza programmi reġjonali bil-għan li tipprevjeni li n-nisa fil-komunitajiet emarġinati jkomplu jinżlu aktar taħt is-soll tal-faqar u biex tilqa' minn qabel għall-faqar fost it-tfal fi stadju bikri;
 4. Jitlob li jsiru titjibiet fil-kwalità u fit-taħriġ ta' servizzi soċjali speċjalizzati (inklużi l-uffiċjali tal-probazzjoni) li jaħdmu mal-familji emarġinati;
 5. Jistieden lill-Kummissjoni tqis ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE, li tirrikonoxxi li persuna għandha d-dritt bażiku għal biżżejjed riżorsi u għajjnuna soċjali biex tgħix b'mod li jkun kompatibbli mad-dinjità tal-bniedem, kwistjoni essenzjali għan-nisa, li jinsabu fir-riskju tal-faqar aktar mill-irġiel; jirrimarka li huwa importanti li jiġi stabbilit metodu komuni biex jiġi kkalkulat limitu minimu għas-sussistenza f'termini tal-kost tal-għajxien ("qoffa" ta' prodotti u servizzi), sabiex ikun jista' jiġi utilizzat kejl komparattiv tal-livelli tal-faqar u jiġu stabbiliti l-mezzi ta' intervent soċjali, inkluża skema ta' dħul minimu, li hija vitali bil-għan li jirnexxilha sseħħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali għan-nies li jgħixu fiż-żoni differenti tal-Unjoni Ewropea;

6. Iqis li huwa essenzjali li jiġu inklużi l-korpi tal-ugwaljanza, l-organizzazzjonijiet tan-nisa u nisa mill-komunitajiet emarġinati fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni, l-użu, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-fondi, fil-livelli kollha, mill-awtoritajiet lokali u reġjonali sal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, u jqis li l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-programmi implimentati għandhom jittqiesu bħala proċess ewlieni fit-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tan-nisa mill-komunitajiet emarġinati;
7. Jiġbed l-attenzjoni lejn kemm hu importanti li n-nisa fi ħdan il-komunitajiet emarġinati jingħataw is-setgħa billi jiġu inkoraġġiti n-nisa intraprendituri u l-parteċipazzjoni tan-nisa f'dak il-komunitajiet;
8. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħa l-isforzi tagħha biex trawwem bini ta' kapaċità sostenibbli u komprensiv għan-nisa fi ħdan il-komunitajiet emarġinati;
9. Jenfasizza li l-opportunitajiet kollha ta' finanzjament Ewropew għall-appoġġ lill-komunitajiet emarġinati, u lin-nisa b'mod partikolari, għandhom jintużaw b'mod integrat bil-għan li jiżdedu s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-Fondi Strutturali u l-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza; jistieden lill-amministrazzjonijiet u lill-awtoritajiet ikkonċernati fil-livelli kollha ta' governanza jfittxu kooperazzjoni reċiproka attiva;
10. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li s-soċjetà ma tirrikonoxxi l-emarġinazzjoni ta' ċerti komunitajiet bħalma huma n-nisa f'kondizzjonijiet tax-xogħol prekarji, il-"foqra li jaħdmu", l-ommijiet waħedhom u l-pensjonanti nisa mdaħħla fiż-żmien żvantaġġati; jistieden lill-Istati Membri jidentifikaw b'mod ċar lil dawn il-gruppi u jadottaw programmi mmirati lejn it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-għajxien, l-aċċess għall-kura tas-saħħa u s-servizzi bażiċi;
11. Jikkritika bil-qawwa l-fatt li l-kwistjoni tal-ġeneri ma tqisitx fil-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, waħda mis-seba' inizjattivi ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklussiv, li l-għanijiet tagħha jinkludu l-użu aħjar tal-fondi Ewropej biex tiġi appoġġjata l-inklużjoni soċjali, fejn 20 % tal-Fond Soċjali Ewropew huma allokati għall-ġlieda lill-faqar u l-esklużjoni soċjali;
12. Jitlob li jingħata appoġġ għall-iskambju tal-prattiki tajba u għan-netwerking fost in-nisa fil-komunitajiet emarġinati fil-livelli kollha tal-governanza; jenfasizza l-hteġa li n-nisa jiġu promossi f'pożizzjonijiet ta' tmexxija fi ħdan dawn il-komunitajiet u li huma jiġu involuti fis-sensibilizzazzjoni u t-tixrid tas-servizzi pubbliċi u l-programmi maħsuba biex jiġġieldu lill-emarġinazzjoni u d-diskriminazzjoni tan-nisa;
13. Iħeġġeġ biex il-fondi jintużaw biex jittejbu l-kondizzjonijiet tal-għajxien għan-nisa fil-komunitajiet emarġinati u jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għal edukazzjoni stabbli ta' kwalità għolja, akkomodazzjoni, kura tas-saħħa, impjieg, faċilitajiet tal-kura tat-tfal, servizzi soċjali, is-sistema legali u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi;
14. Fi ħdan il-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffokaw fuq ir-reġjuni li għandhom żvantaġġi naturali jew demografiċi severi u permanenti, kif imsemmi fil-punt 4 tal-Artikolu 121 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u tiżviluppa dispożizzjonijiet speċjali b'possibilitajiet għal impjieg u okkupazzjoni

alternattivi għall-grupp emarġinat tan-nisa f'dawk il-komunitajiet, li huma kkaratterizzati minn livelli għolja ta' faqar, nuqqas ta' prospetti ta' mpjieg, l-abbandun volontarju tal-edukazzjoni, in-nuqqas ta' servizzi soċjali u l-iżolament soċjali – u r-riskju oġġla li jirriżulta ta' faqar tat-tfal;

15. Jitlob li titqies perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem meta jkunu qed jiġu mfassla azzjonijiet appoġġjati mill-fondi ta' koeżjoni u jenfasizza li d-drittijiet kulturali, ekonomiċi u soċjali għandhom jiġu integrati fil-politiki li għandhom il-għan li jirrikonoxxu lin-nisa mill-komunitajiet emarġinati bħala ċittadini attivi bis-saħħa tagħhom infushom u li r-razziżmu, kemm dak miftuħ u kemm dak inviżibbli, għandu jiġi indirizzat b'mod espliċitu f'kull tfassil ta' azzjoni u politika;
16. Jenfasizza kemm hu importanti li fil-programmi, inizjattivi u azzjonijiet kollha li huma ffinanzjati mill-UE tingħata attenzjoni speċjali liċ-ċirkostanzi speċifiċi u lill-ħtiġijiet tal-gruppi ta' nisa l-aktar vulnerabbli fil-komunitajiet emarġinati bħalma huma n-nisa mdaħħla fiż-żmien, in-nisa b'diżabilità, in-nisa li huma vittmi tal-vjolenza u t-traffikar tal-bnedmin, l-immigranti, in-nisa li jappartienu lil minoranzi etniċi, refuġjati, eċċ.;
17. Jirrikonoxxi l-fatt li tista' sseħħ parteċipazzjoni aħjar tan-nisa fl-intrapriżi u fit-tkabbir billi jiġu ffinanzjati s-servizzi ta' appoġġ tal-SMEs u s-servizzi finanzjarji li jissodisfaw il-ħtiġijiet tan-nisa li jkunu qed jibdew u qed jiżviluppaw negozju;
18. Jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni speċjali lit-tneħħija tal-barrieri li hemm għall-aċċess għall-impjieg li qed jiffaċċjaw in-nisa fil-komunitajiet emarġinati, kif ukoll kwalunkwe diskrepanza bbażata fuq is-sess fil-pagi u l-pensjoni f'dawn il-komunitajiet;
19. Jenfasizza kemm hu importanti li b'attenzjoni u b'mod konsistenti jiġi mmonitorjat kif qed jintużaw ir-riżorsi finanzjarji allokat li għall-komunitajiet emarġinati;
20. Jenfasizza li n-nisa fil-komunitajiet emarġinati jinsabu f'riskju akbar li jsiru vittmi ta' vjolenza sessista u li jsufri vjolazzjonijiet oħra tad-drittijiet fundamentali tagħhom; jitlob li l-għlieda kontra kull sura ta' vjolenza kontra n-nisa tkun fattur ewlieni fil-programmi ta' integrazzjoni għall-komunitajiet emarġinati u fl-allokar tal-finanzjament tal-UE;
21. Jenfasizza r-rwol importanti li jistgħu jaqdu fil-għoti tas-setgħa lin-nisa fil-komunitajiet emarġinati l-intraprenditorija soċjali, il-kooperattivi, l-assoċjazzjonijiet reċiproċi u n-negozju alternattiv; jirrakkomanda li l-fondi ta' koeżjoni, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, jappoġġjaw l-investiment f'dan il-qasam b'perspettiva qawwija tal-ugwaljanza bejn is-sessi;
22. Ifakkar fid-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew fil-Kawża OI/8/2014/AN dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-UE; jenfasizza bil-qawwa l-ħtieġa li l-programmi ta' koeżjoni kollha tal-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jaqbel li s-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet tan-nisa, għandha tingħata pjattaforma biex tirrappurta l-abbużi ta' fondi u l-vjolazzjonijiet tal-Karta;
23. Jenfasizza l-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja għat-titjib tal-ugwaljanza fl-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari fil-ħiliet vokazzjonali u fl-ICT; jirrikonoxxi l-ħtieġa tal-

flessibilità fit-twettiq ta' edukazzjoni u taħriġ lin-nisa fiż-żoni rurali;

24. Jenfasizza l-ħtieġa li n-netwerks reġjonali, nazzjonali u Ewropej tan nisa fil-komunitajiet emarġinati jiġu msaħħa, b'mod partikolari fl-oqsma tan-negozju, l-intraprenditorija, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-edukazzjoni, il-midja, u t-tmexxija ċivika u politika;
25. Jitlob biex il-fondi ta' koeżjoni Ewropej, u b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, jappoġġjaw programmi ta' edukazzjoni formali u informali, inklużi taħriġ vokazzjonali u taġħlim tul il-ħajja, bil-għan li tingħata s-setgħa lin-nisa u lit-tfal fil-komunitajiet emarġinati;
26. Jitlob biex fondi tal-politika ta' koeżjoni jappoġġjaw proġetti tal-arti, tal-kultura u tal-midja li jagħtu s-setgħa lin-nisa fil-komunitajiet emarġinati u jirsistu biex jtkissru l-isterjotipi, l-istigmatizzazzjoni u d-diskriminazzjoni multipla.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	14.7.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 -: 1 0: 9
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Daniela Aiuto, Catherine Bearder, Malin Björk, Vilija Blinkevičiūtė, Viorica Dăncilă, Iratxe García Pérez, Anna Hedh, Mary Honeyball, Elisabeth Köstinger, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Angelika Niebler, Maria Noichl, Marijana Petir, Liliana Rodrigues, Jordi Sebastià, Michaela Šojdrová, Ernest Urtasun, Elissavet Vozemberg, Jadwiga Wiśniewska, Jana Žitňanská, Inês Cristina Zuber
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Biljana Borzan, Louise Bours, Stefan Eck, Linnéa Engström, Julie Girling, António Marinho e Pinto, Dubravka Šuica, Marc Tarabella
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Nedzhmi Ali, Therese Comodini Cachia